Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Numru 1282/2012

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

vs

Nicholas Joseph John Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 494992M, akkuzat talli:

1. fid-9 ta’ Jannar 2011, ghall-habta tan-12:30 ta’ filghodu, gewwa dawn il-Gzejjer u cioe’ gewwa Ta’ Qali limiti ta’ H’Attard, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Robert Attard;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Tata bin-numru ta’ registrazzjoni JFS-001 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz.

Il-prosekuzzjoni mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, b’zieda mal-piena, l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta’ zmien li jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f’din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti fuqa anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni titratta qtil involontarju. Fuq daqshekk anka fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat il-Qorti qeghdha ssib l-imputat hati ta’ din l-imputazzjoni.

Dwar ic-cirkostanzi li taw lok ghall-incident in meritu, tali huma esawrentement spjegati fl-inkjesta li nfetthet f’tali rigward.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni c-cirkostanzi huma tali li fil-fehma tal-Qorti, tista’ titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant hu applikabbli l-Artiklu 17(h) tal-Kap 9. F’kull kaz hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li s-sewqan fil-kaz odjern kien wiehed li jikkwalifika bhala negligenti. Fuq daqshekk il-Qorti hi konkordi.
Rat l-Artikolu 225 u 17 tal-Kap 9, u l-Artikolu 15 tal-Kap 65.
Tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija sospizi ghall-erba’ snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------